MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 532/2003

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Maria Dolores Cachia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Marzu, 2003, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u tlieta u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm193.50) rappresentanti hlas dovut ghal servizz tat-telefon bin-numru 21463458 liema servizz gie installat fil-fond li igib lisem "Smiles", Triq Hal Sajd, Zebbug, u dana skond diversi kontijiet mibghuta lilha, skond prospett anness ma'l-avviz bhala Dokument A,  kif ukoll kuntratt relattiv immarkat bhala Dokument B.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta, ngunta ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u tlieta u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm193.50), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------